MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006

Rikors Numru. 94/2006

John Baptist Sammut
vs
Marina Ciarlo`

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

Illi s-subasta numru 92/2002 fl-ismijiet: “Marina Ciarlo` pro et nomine versus John Baptist Sammut” li permezz ta’ digriet ta’ din il-Qorti kienet giet riappuntata ghal nhar it-Tlieta 7 ta’ Frar, 2006 kienet intalbet u kienet giet ordnata fuq l-iskorta u bis-sahha tad-digriet moghti mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta’ Ottubru 1993 permezz ta’ liema digriet ir-rikorrent kien gie ordnat sabiex ihallas is-somma ta’ Lm45 fil-gimgha bhala manteniment ghal uliedu minuri Christian, Martina u Michel.

Illi minn kalkolu li kien ghamel ir-rikorrent kien jirrizulta li wara li wiehed jiehu kont ta’ numru ta’ cirkostanzi u fatturi li l-intimata kienet qieghda konvenjentement tinjora, fosthom li t-tlett itfal tul dan iz-zmien kienu ottjenew l-eta` maggorenni u ghalhekk ma kienx dovut ghalihom lill-intimata manteniment skond l-imsemmi digriet tas-Sekond’Awla, li xi pagamenti li kienu saru mir-rikorrent ma kienux qeghdin jigu kunsidrati u mnaqqsa fil-konteggi finali li kienet qedha taghmel l-intimata u li kien qieghed jigi injorat li xi pagamenti kienu saru ghas-saldu tal-pretensjonijiet tal-intimata sad-data meta l-istess pagamenti kienu gew effettwati, ir-rikorrent ma kellu jaghti xejn bhala manteniment anzi ghal kuntrarju kien hallas aktar minn dak li suppost hallas.

Illi certament li l-ligi ma tippermettix li r-rikorrent jintalab ihallas aktar minn dak li effettivament kien obbligat li jhallas skond l-imsemmi digriet tas-Sekond’Awla tal-11 ta’ Ottubru, 1993 jew addirittura li jintalab il-hlasijiet ta’ manteniment meta hu kien jissodisfa l-obbligi tieghu tul iz-zmien.

Ghaldaqstant in vista tal-premess u fic-cirkostanzi r-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex tordna t-thassir tal-att ezekuttiv li bis-sahha tieghu kienet giet ordnata s-subasta numru 92/02 fl-ismijiet: “Marina Ciarlo` pro et noe versus John Baptist Sammut” u dan a tenur tal-Artikolu 283A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) u dan bl-ispejjez kontra l-intimata.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-intimata li biha esponiet:

Illi hija kienet giet notifikata bir-rikors ipprezentat minn zewgha John Baptist Sammut datat 1 ta’ Frar 2006, u bid-digriet ta’ din il-Qorti fejn kienet inghatat jumejn sabiex tipprezenta r-risposta taghha, u f’dan il-kuntest kienet qieghda tissottometti ghall-attenzjoni ghaqlija u superjuri ta’ din il-Qorti, is-segwenti.

Illi permezz tar-rikors tieghu, ir-rikorrenti kien qieghed jitlob it-twaqqif tal-bejgh bl-irkant fl-ismijiet fuq premessi a

tenur tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 362(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Gie rilevat li l-agir tar-rikorrent f’dan ir-rigward kien deplorabbli stante li huwa kellu jaghti lill-intimata ammont sostanzjali rapprezentanti arretrati ta’ manteniment ghal uliedha, skond id-digriet moghti mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta’ Ottubru 1993, u sabiex tithallas l-intimata kellha kull darba tirrkorri ghal proceduri ta’ subbasta. B’danakollu, ir-rikorrent zewgha kien qieghed kull darba li tigi appuntata s-subbasta relattiva, jitlob is-sospenzjoni tal-proceduri bil-konsegwenza li l-intimata kellha sal-lum ma thallsitx ta’ arretrati ta’ manteniment li kienu ilhom dovuti sa mill-2002;

Illi ghalkemm kien minnu li r-rikorrent kien iddepozita s-somma ta’ Lm1525 permezz ta’ cedola ta’ depozitu prezentata fit-3 ta’ Marzu 2004, meta kien talab ghal darb’ohra, is-sospenzjoni ta’ din is-subbasta, kien gie rilevat li r-rikorrent stess kien oppona ghat-talba tal-intimata li tizbanka l-imsemmija somma u effettivament, permezz ta’ digriet moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-8 ta’ Novembru 2004, l-intimata kienet giet ordnata li jekk jidhrilha xieraq, tipprocedi skond il-Ligi. Kopja tar-rikors taghha tal-21 ta’ Mejju 2004, tar-risposta ta’ zewgha datata 26 ta’ Ottubru 2004 kif ukoll tad-Digriet fuq imsemmi, gew annessi mar-rikors, esebiti u mmarkati komplessivament bhala Dok MC1;

Ili ghalhekk kien inkoncepibbli kif ir-rikorrent illum kien qieghed jitlob is-sospenzjoni tas-subbasta fl-ismijiet fuq premessi abbazi tal-fatt li huwa pprezenta cedola ta’ depozitu ghall-ammont mertu ta’ din is-subbasta, meta huwa stess kien qieghed effettivament jopponi ghall-izbank ta’ l-ammont in kwistjoni;

Illi inoltre, ghalkemm ir-rikorrent kien qieghed jallega li huwa pprezenta kontestwalment mar-rikors de quo, rikors iehor b’talba ghat-thassir ta’ l-Att Ezekuttiv li bis-sahha tieghu kien gie ordnat il-bejgh bis-subbasta fl-ismijiet fuq premessi, l-intimata kienet ghadha ma giet notifikata bl-ebda rikors f’dan ir-rigward u in ogni caso, kien gie sottomess li tali allegazzjoni ma kenitx tista’ ssostni talba ghas-sospenzjoni ta’ din is-subbasta meta t-titolu

ezekuttiv, konsistenti fid-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' Ottubru 1993, li abbazi tieghu kienu gew intavolati l-proceduri odjerni ta' subbasta, kien ghadu in vigore sal-lum ghal kull fini u effett tal-Ligi;

Illi effettivament, kien jirrizulta li r-rikorrent kien ghadu sal-lum ma attakka bl-ebda mod id-digriet fuq imsemmi, sabiex isostni l-allegazzjonijiet tieghu li l-kreditu kanonizzat permezz ta' l-imsemmi digriet, ma kienx dovut, u ghalhekk, kien isegwi necessarjament li l-istess digriet kien ghadu validu u ezegwibbli bhala titolu ezekuttiv ghal kull fini u effett tal-Ligi;

Illi inoltre, il-proceduri ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, fl-ismijiet **Marina Ciarlo` gja Sammut pro et noe vs John Baptist Sammut**, kienu ghadhom pendenti sal-lum quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, u ghalhekk, kien isegwi li l-obbligu tar-rikorrenti ghall-hlas tal-manteniment kif stipulati fl-imsemmi digriet, kien ghadu esigibbli sal-lum;

Illi ghalhekk, in vista tal-fatt li r-rikorrent kien baqa' qatt ma ghamel l-ebda procedura sabiex ivarja d-digriet in kwistjoni meta ulied il-partijiet kienu saru maggorenni, jew sabiex il-Qorti kompetenti tispecifika retta alimentari *pro rata,* il-manteniment stabbilit permezz ta' l-imsemmi digriet kien baqa' esigibbli fl-intier tieghu mill-intimata, u konsegwentement, dovut mir-rikorrent;

Illi konsegwentement, ma kienx apert li r-rikorrent jipprova jattakka l-att ezekuttiv mahrug abbazi tad-digriet in kwistjoni, fuq allegazzjoni li saru pagamenti a saldu tad-drittijiet ta' l-intimata u uhiedha, jew addirittura pagamenti in eccess ta' l-obbligi ta' l-istess rikorrenti, meta l-imsemmi digriet kien ghadu sal-lum in vigore;

Illi fil-fatt, fil-mertu, gie sottomess li l-ezercizzju li r-rikorrent kien qed jitlob permezz tar-rikors odjern tieghu, konsistenti fid-determinazzjoni ta' l-ammonti li kien qed jigi allegat li thallsu in linea ta' manteniment, huwa wiehed illi effettivament kellu jsir mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja] illi quddiemha kienu pendenti l-proceduri

ghas-separazzjoni personali tal-partijiet, u dan fl-istadju tal-provi tar-rikorrent, hemmhekk konvenut;

Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghall-premess, u fil-mertu, gie sottomess bir-rispett li r-rikorrent kien ilu diversi snin ma jeffettwa pagamenti in linea ta' manteniment a tenur tad-Digriet tal-11 ta' Ottubru 1993, u effettivament, l-ahhar pagament percepit mill-intimata f'dan ir-rigward, ghall-habta ta' l-ahhar tas-sena 2001 li kien ikopri l-manteniment dovut sas-26 ta' Novembru 2001, kien gie ottenut in forza tal-proceduri ta' Subbasta bin-Numru 80/2000 u minn dak iz-zmien 'l hawn, ghalkemm ulied il-partijiet kienu ghadhom minorenni, ir-rikorrent kien baqa' ma effettwa l-ebda pagament iehor in linea ta' manteniment;

Illi f'dan ir-rigward, u minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, gie sottomess ghal kull buon fini, li kien pacifiku li l-fatt li ulied il-partijiet illum saru maggorenni ma kienx ifisser li l-ordni relattiv ghal-hlas tal-manteniment awtomatikament jitlef l-effikacja tieghu, u jispetta ghar-rikorrenti, f'dan il-kaz, illi jipprocedi quddiem il-Qorti kompetenti ghall-varjazzjoni jew revoka ta' l-ordni in kwisljoni, u ghalhekk, in vista tal-fatt li sal-lum ir-rikorrent kien ghadu ma ghamel xejn f'dan ir-rigward, gie sottomess li l-argument minnu maghmul fir-rikors promotur bhala bazi ghat-talba tieghu ghat-twaqqif tal-process li kellu jwassal ghall-bejgh bis-Subbasta *de quo,* ma kienx iregi;

Illi ghalhekk, kellu jirrizulta li l-allegazzjonijet tar-rikorrent, kif kontenuti fir-rikors odjern tieghu, kienu kompletament infondati u konsegwentement, it-talba tieghu kontenuta fl-istess rikors, kellu jigi michud.

Ghaldaqstant, in vista ta' dak kollu fuq premess, l-intimata tissottometti li t-talba tar-rikorrent kif kontenuta fir-rikors odjern, kallha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrernt.

Salv kull provvediment iehor li din il-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Illi l-Qorti ffissat seduta biex isiru l-provi ghal nhar it-Tnejn 9 ta' Ottubru, 2006 halli r-rikorrent ikollu l-opportunita` jissostanzja l-provi tieghu. Ir-rikorrent ma deherx ghalkemm dehret l-intimata kif ukoll il-konsulenti legali taz-zewg nahat.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex tordna t-thassir tal-att ezekuttiv li bis-sahha tieghu kienet giet ordnata s-subasta numru 92/02 fl-ismijiet: "Marina Ciarlo` pro et noe versus John Baptist Sammut" u dan a tenur tal-Artikolu 283A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta)

Ir-rikorrent qieghed jitlob it-twaqqif tal-bejgh bl-irkant fl-ismijiet fuq premessi. Izda r-rikorrent hlief ghal dak li hemm fir-rikors ma ta ebda raguni ghala dan ghandu jsir. Kien hemm ordni tal-Qorti biex isir il-bejgh izda din giet sospiza u ma jidhirx li hemm raguni valida. Jidher li r-rikorrent kellu jaghti lill-intimata ammont sostanzjali rapprezentanti arretrati ta' manteniment ghal uliedha, skond id-digriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' Ottubru 1993, u sabiex tithallas l-intimata kellha kull darba tirrikorri ghal proceduri ta' subbasta. B'danakollu, ir-rikorrent zewgha kien qieghed kull darba li tigi appuntata s-subbasta relattiva, jitlob is-sospenzjoni tal-proceduri bil-konsegwenza li l-intimata kellha sal-lum ma thallsitx ta' arretrati ta' manteniment li kienu ilhom dovuti sa mill-2002;

Irrizulta li r-rikorrent kien fil-fatt iddepozita s-somma ta' Lm1525 permezz ta' cedola ta' depozitu prezentata fit-3 ta' Marzu 2004. L-obbligu tar-rikorrenti ghall-hlas tal-manteniment kif stipulati fl-imsemmi digriet, kien ghadu jezisti sal-lum.

Ghalhekk, ir-rikorrent ma ppruvax l-allegazzjonijet li ghamel fir-rikors u ma tirrizulta ebda raguni ghala t-talba tieghu ghandha tigi milqugha.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Ghaldaqstant, in vista tal-premess il-Qorti tichad it-talba tar-rikorrent.

Spejjez kontra l-istess rikorrernt.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------